Il-Kampanja Nazzjonali dwar id-Drogi hi parti minn *National Drug Strategy 2004-2009* u l-għan speċifiku tagħha hu li tnaqqas il-motivazzjoni taż-żgħażagħ Awstraljani li jużaw drogi illeċiti biż-żieda tal-fehim tagħhom dwar l-konsegwenzi potenzjali negattivi tal-użu tad-droga. Din il-fażi tal-Kampanja hi mfassla biex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konsum ta' ecstasy, marijuana, methamphetamines (ice) u drogi illeċiti oħra fost iż-żgħażagħ Awstraljani, permezz taż-żieda tal-fehim tal-ħsara marbuta mal-użu tad-droga u nħajru u nissapportjaw deċiżjonijiet biex ma jużahomx.

Il-Kampanja ser tibni wkoll fuq l-impatt ta' attivitajiet ta' prevenzjoni tal-Kampanja Nazzjonali tad-Drogi aktar bikrija biex insaħħu l- perċezzjonijiet negattivi tad-drogi illeċiti inklużi methamphetamines, permezz tal-użu ta' reklamar, relazzjonijiet pubbliċi, attivitajiet online u riżorsi ta' tagħrif.

In-*National Drug Strategy 2004-2009* hi qafas tal-*policy* li testendi fuq l-Awstralja biex tindirizza l-problemi tal-użu ta' drogi leċiti u illeċiti madwar in-nazzjon. Taħt l-Istrateġija ġew żviluppati inizjattivi li jindirizzaw ir-riskji tal-użu ħażin tal-alkoħol u tat-tabakk. Waqt li l-partijiet tal-Istrateġija dwar l-alkoħol u t-tabakk huma ndirizzati permezz ta' inizjattivi separati, tagħrif jista' jiġi aċċessat permezz ta' dawn il-links li ġejjin

National Alcohol Campaign
National Tobacco Campaign